MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2012

Numru 22/2012

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Salvatore sive Silvio Mangion**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 22 tas-sena 2012 kontra l-akkużat Salvatore sive Silvio Mangion li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fid-disgha w ghoxrin (29) ta' Ottubru tal-elf disa mija, sitta u tmenin (1986) filgħaxija fil-Bormla, Salvatore sive` Silvio Mangion ħabbat fuq il-bieb tar-residenza ta' Maria Stella Magrin, mara anzjana li kienet tgħix waħidha, u malli din fetħet, daħal ġewwa bil-ħsieb pjannat li jisraqha u joqtolha.

Illi Salvatore sive Silvio Mangion mar hemmhekk ma' żewġ persuni oħra. Illi hu daħal ġewwa r-residenza ma'

certu Oswald Spiteri waqt li t-tieni persuna Leli Spiteri qagħad għassa barra. Illi Salvatore sive Silvio Mangion daħal bil-ħsieb li jisraqha u wara joqtolha sabiex hi ma tiddentifikahx. Illi infatti Salvatore sive Silvio Mangion wara li daħal ġewwa r-residenza tal-mara anzjana ma' Oswald Spiteri talbuha l-flus, hi uriethom fejn kienu u wara li seraq il-flus tagħha qabad jagħtiha diversi daqqiet tas-sikkina bil-ponta li ħa apposta miegħu sakemm tilfet kull reżistenza li setgħet toffri u ikkaġunalha l-mewt.

Illi hi nstabet katavru mill-pulizija meta l-President Emeritus ta' Malta Dott. Ugo Mifsud Bonnici informa l-għassa ta' Bormla wara li ġie infurmat li kien hemm mara tinstema tokrob bl-uġigħ viċin ir-residenza tiegħu. Sussegwentement, wara investigazzjonijiet twal u bl-ammissjoni ta' l-akkużat stess snin wara, irriżulta li responsabbli għal dan l-omiċidju volontarju kien Salvatore sive` Silvio Mangion kif qabel indikat.

Illi b'għemilu l-imsemmi Salvatore sive Silvio Mangion sar ħati ta' omicidju volontarju u ċioe' talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja ta' Maria Stella Magrin f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem hawn fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Salvatore sive Silvio Mangion, ħati ta' omiċidju volontarju, u ċioe' talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja ta' Maria Stella Magrin f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

Talab illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi ikkundannat ghal piena ta' priġunerija għal għomru skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 17, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-htija tal-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiż-żmien u ċirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża u cioe` fid-29 ta' Ottubru 1986, fir-residenza ta' Maria Stella Magrin, wara nżul ix-xemx, Salvatore sive` Silvio Mangion filwaqt li kien qiegħed jagħmel kull wieħed

minn dawn id-delitti imsemmija f'din l-att ta' akkuża kellu fil-pussess tiegħu, kien qiegħed iġorr u effettivament għamel użu minn sikkina imdaqqsa bil-ponta u xafra. Effettivament ukoll użha bħala arma sabiex jattakka u jaggredixxi l-persuna ta' Maria Stella Magrin, mingħajr liema arma ma kienx iseħħ id-delitt ta' omiċidju volontarju ikkonsmat.

Illi b'għemilu l-imsemmi Salvatore sive Silvio Mangion sar ħati talli fil-hin li għamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u ma kienx qiegħed iġorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari għal xi għan leġittimu.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem hawn fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Salvatore sive Silvio Mangion, ħati talli fil-ħin li għamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u ma kienx qiegħed iġorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari ghal xi ghan legittimu; talab illi jingħamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 26 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta, 17, 20, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-ligi tinghata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi indikati fl-ewwel u fit-tieni kap ta' dan l-att ta' l-akkuża, u ċioè fid-29 ta' Ottubru tas-sena elf disa mija u sitta u tmenin (1986) filgħaxija fil-Bormla Salvatore sive Silvio Mangion ħabbat fuq il-bieb tar-residenza numru 13, sitwata fi Triq Erin Serracino Inglott, Bormla, ta' Maria Stella Magrin, mara anzjana li kienet tgħix waħidha, u malli din fetħet, daħal gewwa.

Illi meta l-akkużat daħal fuq il-mara anzjana kien żamma illegalment u kontra r-rieda u l-volonta' taghha arrestata, miżmuma jew issekwestrati ġewwa r-residenza tagħha,

sabiex ikun jista’ jaghmel l-atti illegali hekk kif deskriti f’dan l-att ta’ l-akkuza.

Illi b’għemilu l-imsemmi Salvatore sive Silvio Mangio sar ħati talli ġewwa r-residenza ta’ Maria Stella Magrin, ġewwa Bormla, f’Malta, b’diversi atti magħmulin minnu, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, bla ordni skont il-liġi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Maria Stella Magrin kontra l-volonta’ tagħha, jew ta’ l-post biex fih hi tigi arrestata, miżmuma jew issekwestrata. Illi b’dan li d-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi offiża jew imhedda bil-mewt u sar bil-ħsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg oħra, jew biex persuna ohra tkun imġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta’ ħwejjiġha.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Salvatore sive Silvio Mangion, ħati talli, f’diversi postijiet f’Malta, b’diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Maria Stella Magrin kontra l-volonta’ tagħha, jew ta l-post biex fiħ Maria Stella Magrin tigi arrestata, miżmuma jew issekwestrata b’dan li id-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi tiġi offiża jew imhedda bil-mewt u sar bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew ħwejjeġ ohra, jew biex persuna ohra tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta’ ħwejjiġha, talab li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija ta’ mhux inqas minn erba (4) snin sa sitt (6) snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 20, 31, 86, 87, 88, u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ tkun skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi fiż-żmien u cirkostanzi indikati fil-Kapi kollha tal-Att tal-

Akkuza u cioe` fid-29 ta' Ottubru 1986, fir residenza ta' Maria Stella Magrin, wara nżul ix-xemx, Salvatore sive` Silvio Mangion zamm u issekwestra lill-istess Maria Stella Magrin kontra l-volonta` tagħha, qatilha wara li bil-ħsieb li joqtolha jew li jpoġġilha ħajjitha f'periklu ċar ta' numru kbir ta' daqqiet b'sikkina li hu kellu mieghu. Illi dan kollu għamlu bil-ħsieb li jisraqha u biex hi ma tkunx tista' tikxfu. Illi nfatti, hu rnexxielu jisraq iktar minn sitt elef liri Maltin (illum madwar Euro 14,000) kontra il-volonta' tagħha illegalment.

Illi b'għemilu l-imsemmi Salvatore sive Silvio Mangion sar hati ta' serq ta' flus u oġġetti li jiswew aktar minn dak iz-zmien elf lira Maltin (illum ekwivalenti ghall elf, mitejn u tlieta u għoxrin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu) flimkien ma omiċidju volontarju, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, sekwestru tal-persuna, bil-ħin u bil-valur li sar għad-detriment ta' l-imsemmija Maria Stella Magrin u/jew l-eredi tagħha.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Salvatore sive Silvio Mangion, ħati ta' serq ta' flus u oġġetti li jiswew aktar minn elf, mitejn u tlieta u ghoxrin Euro u erbgha u disghin centezmu liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, sekwestru tal-persuna, omiċidju volontarju, bil-hin u bil-valur li sar ghad-detriment ta' l-imsemmija Maria Stella Magrin u/jew l-eredi tagħha.

Talab illi jingħamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi ikkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(c)(f), 262, 267, 270 , 272, 275, 276A, 277, 279, 280, 281, 329, 330, 17, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi, tingħata għall-htija tal-imsemmi akkużat.

5. Rat l-atti kollha processwali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

6. Rat il-verdett tal-ġurija u s-sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Lulju, 2012, li fiha ġie deciż li l-akkużat ma hux fi stat ta' ġenn fiż-żmien tal-kawża jew illum.

7. Rat il-verdett tal-ġurija tal-Hamis, 28 ta’ Settembru, 2012, li bih, l-imsemmi Salvatore sive Silvio Mangion:

(a) Instab unanimament ħati tal-Ewwel Kap tal-Att tal-akkuża;
(b) Instab unanimament ħati tat-Tieni Kap tal-Att tal-akkuża;
(ċ) Instab unanimament ħati tat-Tielet Kap tal-Att tal-akkuża;
(d) Instab bi tmien voti kontra wieħed ħati tar-raba’ Kap tal-Att tal-Akkuża.

8. Tiddikjara għalhekk lill-akkuzat Salvatore sive Silvio Mangion ħati talli :

1. fid-29 ta’ Ottubru, 1986, filghaxija, f’Bormla, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja ta’ Maria Stella Magrin f’periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt, u dana skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;
2. fid-29 ta’ Ottubru, 1986, f’Bormla, fil-ħin li għamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari, u ma kienx qiegħed iġorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari għal xi għan leġittimu, u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża;
3. fid-29 ta’ Ottubru, 1986, f’diversi postijiet f’Malta, b’diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, bla ordni skond il-liġi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Maria Stella Magrin kontra l-volonta’ tagħha, jew ta l-post biex fiħ Maria Stella Magrin tigi arrestata, miżmuma jew issekwestrata b’dan li id-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi tiġi offiża jew imhedda bil-mewt u sar bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex persuna ohra tkun imġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta’ ħwejjiġha, u dana skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża;
4. fid-29 ta’ Ottubru, 1986, f’Bormla, ħati ta’ serq ta’ flus u oġġetti li jiswew aktar minn elf, mitejn u tlieta u

għoxrin Euro u erbgħa u disghin ċenteżmu liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, sekwestru tal-persuna, omicidju volontarju, bil-ħin u bil-valur li sar għad-detriment tal-imsemmija Maria Stella Magrin u/jew l-eredi tagħha, u dana skont ir-Raba` Kap tal-Att tal-Akkuża
.
9. Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża.

10. Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Simon Micallef Stafrace li kienu dawn li ġejjin

(a) Li l-Qorti trid tmur lura għas-sena 1986 meta sar il-każ u l-massimu applikabbli għal dak il-każ..
(b) L-istat konfużjonarju u s-sitwazzjoni mentali tal-ħati.
(ċ) Fejn il-ħati għandu jiskonta din is-sentenza

11. Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Nadine Sant li kienu senjatament dan li ġej:

(a) Il-verdett massimu fuq tliet kapi tal-Att tal-Akkuża u l-vot ta' tmien voti kontra wieħed għar-raba' Kap. Voti unanimi ta' ħtija huma rari u dan il-fattur għandu jkun ikkonsidrat mill-Qorti hija u tagħti l-piena. Għalhekk il-Qorti għandha tikkonsidra l-piena massima ta' priġunerija għal għomru.

(b) Illi l-ħati flok ammetta għadda ġuri.

(ċ) Il-mewt krudili li sofriet Stella Magrin minħabba l-għadd ta' daqqiet li niżlu fuq daharha minn id il-ħati.

(d) Il-ħati huwa reklam ħażin għal Malta għaliex ismu saħansitra daħal fil-Murderpedia u meta tqis il-popolazzjoni żgħira ta' Malta, il-preżenza tiegħu fuq din is-site hija barra kull proporzjon bejn stat u popolazzjoni.

(e) Illi l-mottiv kien sempliċiment il-flus.

Ikkonsidrat

Hija u tikkonsidra l-piena l-Qorti ser tikkonsidra dan li ġej:

**Dwar is-sottomissjonijiet tad-Difiża**

12. (i) Il-Qorti qed tmur lura fiż-żmien meta l-ħati kellu 21 sena u l-fedina penali tiegħu kienet nadifa. Il-piena massima għall-omiċidju jew ta' serq akkumpanjat ma' omiċidju kienet ta' priġunerija għall-għomor. Il-piena taħt iż-żewġ artikoli kienet l-istess bħalma hi llum. Dwar iż-żamma ta' arma waqt reat il-Qorti eżaminat il-Kap 66 għax dak kien ireġi dak iż-żmien.

(ii) Għas-sottomissjoni tad-difiża dwar l-istat konfużjonali tal-akkużat, il-Qorti tirreferi għall-konklużjonijiet mogħtija mill-esperti psikjatriċi matul il-ġurin ta' Lulju ta' din is-sena fejn kien stabbilit li l-ħati seta' jgħaddi ġuri kif ukoll li ma kien hemm ebda stat ta' ġenn meta twettaq id-delitt. Għalhekk qed tiddeċiedi billi tiċħad din is-sottomissjoni.

(iii) Dwar fejn il-ħati għandu jiskonta l-piena, fil-fehma tal-Qorti, huwa d-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin li għandu jiddeċiedi dan.

(iv) L-uniċi punti ta' solljev f'dan il-każ kien li l-akkużat, meta wettaq ir-reat, kellu fedina penali nadifa.

**Dwar is-Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u Konsiderazzjonijiet Oħra tal-Qorti**

(v) Il-verdett unanimu fuq l-Ewwel tliet Kapi tal-Att tal-Akkuża u dak ta' tmien voti favur u wieħed kontra fir-raba' Kap tal-Att tal-Akkuża jitkellmu waħidhom. Dawn huma verdetti ċarissimi.

(vi) Il-mod krudili kif sar dan id-delitt. Donnu li li f'dan il-każ il-valuri nqalbu għal kollox – dak li kien tajjeb sar il-ħażin u dak li kien ħażin sar it-tajjeb. 'Fair is foul and foul is fair'. Li toqtol mara xiħa li tatek il-flus li tlabtha mal-ewwel, huwa mhux biss inaċċettabbli iżda wkoll orribbli. Lanqas biss l-iċken sforz biex titlaq 'il barra bil-flus f'idejk meta tkun diġa' wettaqt reat serjissimu iżda qtilt ukoll mara, li m'għamlitlek xejn, **kiesaħ u biered**. L-espressjoni bl-Ingliż 'In Cold Blood' forsi għandha qawwa emottiva aktar qawwija mill-espressjoni Maltija – jista' jkun għax

torbotha bla ma trid mal-kapolavur ta' Truman Capote li huwa ntitolat bl-istess espressjoni.

(vii) Il-mod kif ingħataw id-daqqiet minn fuq għal isfel, il-penetrazzjoni ta' xi wħud minnhom, il-feroċita' tad-daqqiet għax tħalla saħansitra imprint tal-manku, it-tiċpis tad-demm fuq il-ħajt  u l-għadd ta' daqqiet ħdejn xulxin f'area waħda – prattikament 'clustering' ta' daqqiet - iħalli 'l min jara r-ritratti u l-isketches **imnixxef.** Xi żewġ ritratti milli ħadet il-pulizija forensika dak iż-żmien prattikament **jiffriżawk** u jġagħluk tistaqsi 'Kif jista' jkun li bniedem jasal s'hawn?'

(viii) Il-forensika wriet li ma tħalla ebda fingerprint fil-post, u għalhekk id-delitt jidher li kien ippjanat għall-aħħar.  It-torch li ntuża u tħalla jixgħel la kellu fingerprints fuqu u lanqas kien hemm fuq il-batteriji ta' ġo fih.  Dan juri kemm id-delitt kien maħsub bir-reqqa u f'kull dettal.  Imbagħad hemm it-taħbita kiebja fuq il-bieb tax-xiħa li fetħet mingħajr qatt ma ssusspettat u d-dħul ġewwa minnufih li nfetaħ il-bieb.  Lanqas biss sgass għaliex kienu l-pulizija li kellhom jisgassaw il-bieb biex fetħu ħa jaraw x'kien ġara. Kollox ippreparat fid-dettal.

(ix) Għall-ħati, il-ħajja ta' anzjana ma tiswa xejn.  L-importanti biss kien li jsib il-flus u jista' jinqeda bihom. Il-ħati ma wera ebda rimors għall-att krudili u inaċċettabbli li għamel – att li m'għandu jsir fuq ebda persuna, żgħira jew anzjana, qaddisa jew mhix.  Lanqas biss kien hemm sinjali ta' rimors waqt is-smigħ tal-ġuri jew wara li nqara l-verdett. Din l-anzjana kienet qed tgħix ħajjitha bl-istil li xtaqet tgħix hi u, fejn setgħet, kienet tgħin lil ħadd ieħor kif uriet sew ittra li nstabet fuq il-post u li ntweriet waqt is-smigħ tal-ġuri. B'mod mill-aktar orrend il-ħati ħasdilha ħajjitha.

(x) Il-Qorti bilfors trid tikkummenta dwar in-nuqqas ta' rispett lejn id-dinjita' tal-mejta li mietet tokrob bl-uġigħ. Kien filtatt dan il-krib li ġiegħel lil wieħed mill-ġirien ifittex l-għajnuna minnufih – xhieda li nqrat biss iżda kienet qawwija daqs xi ritratti li l-ġurija **kellha** teżamina għal darba, tnejn, tlieta.

13. Il-Qorti rrifletiet fuq **kull** punt li jidher aktar ‘il fuq ( inkluż li dak iż-żmien il-ħati kellu fedina nadifa) qabel ma waslet għad-deċiżjoni tagħha. Bil-verdett kif inhu, bil-krudelta’ tal-att, u b’omiċidju mill-aktar ikrah, il-Qorti ħassitha fid-dmir li tapplika l-massimu tal-piena li huwa possibbli f’dan il-każ.

14. Il-Qorti qieset illi skont l-artikoli 211 u 272 tal-Kodici Kriminali kull min hu ħati ta’ omiċidju jew ta’ serq li jsir flimkien ma’ omicidju volontarju jeħel il-piena ta’ prigunerija għal għomru.

**Konklużjoni**

15. Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 211(1)(2), 261(a)(c)(f), 262, 267, 270, 272, 275, 276A, 277, 279, 280, 281, 329, 330, 17, 20, 31, 86, 87, 88 u 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikolu 26 u 27 tal-Kap 66 tal-Liġijiet ta’ Malta, wara li qieset li skont la-rtikolu 17(h) tal-Kap 9 l-ewwel tliet Kapi tal-akkuża jistgħu jiġu assorbiti fir-raba’ Kap, qed tikkundanna lill-ħati **Salvatore sive Silvio Mangion** għall-piena ta’ priġunerija għal għomru - kif ukoll tikkundannah iħallas is-somma ta’ elfejn, sitt mija u tmienja u tmenin Ewro w ħamsa u tmenin ċenteżmu (€2688.85) rappreżentanti l-ispejjez totali tal-perizji inkorsi f’dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

16. Tordna wkoll li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mil-lum, jiġu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-liġi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------